MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 288/2009

**Agius John**

**vs**

**Gatt Grace**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Marzu, 2009 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u hamsa u sittin ewro (€465) rapprezentanti refuzjoni prorata mis-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) li llum hija ekwivalenti ghal tmien mija u hmistax-il ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€815.28c) li kienet giet imhallsa mill-attur lill-konvenuta bhala prezz ghal servizz ta' investigazzjoni li l-istess konvenuta kellha tipprezza lill-attur dana stante li tali servizz ma nghatax kif miftiehem. Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-

prezentata ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta pprezenta mill-konvenuta datata 22 ta’ Gunju, 2009 fejn ikkontestat it-talba attrici in vista tal-fatt li affermat illi l-istess talba kienet infondata fil-fatt u fid-dritt. Sema’ l-provi migjuba quddiemu. It-Tribunal josserva illi ghalkemm il-konvenuta inghatat diversi opportunitajiet biex tressaq ix-xhieda taghha u l-provi taghha in sosten tal-kontestazzjoni formali li ghamlet, hija naqset illi tressaq tali provi u lanqas biss ma dehret ghas-seduti illi kienu gew iffissati. Illi ghalhekk l-unika provi li jinsabu fil-process mhux kontradetti huma dawk illi pprovda l-attur.

Ra x-xhieda tal-attur fid-9 ta’ Lulju, 2009 u kif ukoll dik ta’ Dr. Albert Libreri fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru, 2009. Jidher evidenti illi l-inkarigu moghti mill-attur lill-konvenuta kien dak illi kellha ggib tal-anqas tlett okkazzjonijiet differenti u separati minn xulxin dwar l-agir ta’ mart l-attur. Pero` mix-xhieda prodotta nkluz dak ta’ Jonathan Mulligan li xehed fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru, 2009, jidher car u evidenti illi fil-fatt huwa kien gibed l-film rikjest ghal darba wahda biss u mhux fuq medda ta’ tlett okkazzjonijiet bhala minimu kif mitlub u mixtieq mill-attur.

Ra wkoll id-DVDs in kwistjoni esebiti Dok JA5 u JA6 li jaghtu stampa cara u jikkonferma dak illi allega l-attur fix-xhieda tieghu. Kif intqal qabel it-Tribunal innota wkoll li ma ngibet ebda prova li tikkontradici dak illi qed jafferma l-attur u lanqas prova in sosten tal-eccezzjonijiet ossia eccezzjoni mressqa mill-konvenuta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta. Kwindi jilqa’ t-talba tal-attur u konsegwentament ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lura lill-attur s-somma mitluba ta’ erba’ mija u hamsa u sittin ewro (€465). Bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------